**Stqarrija Nru.: 04/11**

## Risposta lil Moviment Żwieġ bla Divorzju

Mehmuż ma' din l-email għandkom isisbu r-risposta tal-Awtorità tax-Xandir għall-ittra li ntbgħatet mill-Moviment Zwieg Bla Divorzju (kopja ukoll mehmuza).

**Mario Axiak** **13th May 2011**
**Kap Riċerka u Komunikazzjoni**
**Awtorità tax-Xandir**



7, Mile End Road, HAMRUN HMR 02, Malta. Tel: (+356) 21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info@ba-malta.org

Flimkien għal
uliedna

12 ta' Mejju 2011

Lis-Sur Pierre Cassar
Kap Eżekuttiv
Awtorita' tax-Xandir
Triq Mile End
Ħamrun ĦMR 1719

Għażiż Sur Cassar,

**Konferenza Stampa 19 ta' Mejju 2011**

Il-Moviment Żwieġ Bla Divorzju jixtieq jagħmel referenza għall-ittra tiegħek tal-11 ta' Mejju, 2011 b'risposta għall-ittra tagħna tad-9 ta' Mejju dwar l-għażla tal-ġurnalisti għall-konferenza stampa tal-Moviment Żwieġ Bla Divorzju fid-19 ta' Mejju 2011.

Ninfurmak li l-Moviment Żwieġ Bla Divorzju jinnota li żewġ terzi ta' l-organizzazjonijiet tal-media magħżula mill-Awtorita' tax-Xandir biex jagħmlu mistoqsijiet lir-rappreżentant tal-Moviment waqt konferenza ta' l-aħbarijiet organizzata mill-istess Awtorita, għandhom pożizzjoni pubblika favur id-divorzju. Mill-banda l-oħra, għall-konferenza ta' l-Aħbarijiet tal-Moviment favur id-divorzju, l-Awtorita' għażlet li jkun hemm terz biss ta' organizzazjonijiet tal-media li ħadu pożizzjoni kontra d-divorzju.

Din id-deċizjoni ta' l-Awtorita' tiddiskrimina b'mod ċar kontra l-Moviment Żwieg bla Divorzju. Il-Moviment ipprotesta ma' l-Awtorita permezz ta' żewġ ittri datati 21 ta' April 2011 u 9 ta' Mejju fejn qalilha li l-organizzazjonijiet tal-media li ħadu pozizzjoni uffiċjali jew pubblika favur id-dħul tad-divorzju huwa magħrufa minn kullhadd. L-Awtorita' ippretendiet li ma tafx min huma u talbet lill-Moviment biex jindikahomlha.

Il-Moviment Żwieg bla Divorzju jemmen li l-forza tar-raġuni u l-argumenti li għandu dwar l-effetti ħżiena tad-divorżju fuq is-socjeta' huma aktar b'saħħithom minn kull xkiel ieħor. Madanakollu l-Moviment xorta jinsisti ma' l-Awtorita' tax-Xandir li timxi b'ġustizzja u twettaq sew dmirha li tassigura bilanċ fir-rappreżentanti tal-media li jiehdu sehem f'din il-konferenza ta' l-aħbarijiet.

Il-Moviment Żwieg Bla Divorzju iqis din il-materja bħala ta' interess pubbliku u għalhekk qed jagħzel li jibgħat kopja ta' din il-korrispondenza lill-meżżi tax-xandir u l-istampa.

**Dr. Andre' Camilleri**
*Chairperson*

Moviment Żwieġ Bla Divorzju
Kaxxa Postali 28, Ħal Balzan BZN
Infoline: 9928 0511 • Email: info@flimkien.org.mt
www.flimkien.org.mt

BROADCASTING AUTHORITY L - AWTORITÀ TAX - XANDIR

MALTA

Dr André Camilleri
Chairperson
Moviment Żwieġ Bla Divorzju

13 ta' Mejju 2011
Ref 16/11

Għażiż Dr Camilleri,

**Konferenza Stampa 19 ta' Mejju 2011**

Nagħmel riferenza għall-ittra tiegħek datata 12 ta' Mejju 2011 dwar l-għażla tal-ġurnalisti għall-Konferenza Stampa mal-Moviment Żwieġ Bla Divorzju li ser issir fid-19 ta' Mejju 2011.

L-ewwelnett l-Awtorità tax-Xandir tirrispinġi bl-aktar mod qawwi l-impressjoni li qed tipprova tagħti li hi qed toħloq xi forma ta' xkiel. Kif taf tajjeb inti u r-rappreżentanti tal-Moviment Żwieg Bla Divorzju, l-Awtorità qed timxi bl-aktar mod imparzjali u trasparenti maż-żewġ Movimenti involuti fir-Referendum dwar id-divorzju skont kif inhi mitluba tagħmel bil-liġi u kulma qed tagħmel hu li qed twettaq dmirha kif mitlub mill-liġi.

Minħabba li l-Awtorita hija fid-dover li tassigura li l-veduti kollha f'materja ta' *public policy* jitwasslu lill-pubbliku, ma tistax tissoġġetta ruħha għall-ebda tip ta' pressjoni mill-ebda Moviment u l-għażla tal-ġurnalisti li jieħdu sehem f'Konferenza Stampa ma tista qatt titqies bħala li tikkawża żbilanċ.

L-Awtorità għadha tal-fehma li, kif diġa ġie komunikat lilek, l-għażla tal-media għaż-żewġ konferenzi stampa fl-iskeda ta' Xandiriet dwar ir-Referendum 2011 hija waħda bilanċjata u għalhekk ser tipproċedi fuq il-proposta oriġinali tagħha.

Inselli għalik,

Pierre Cassar

Kap Eżekuttiv

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt